MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1368/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**Vs**

**Karl Darmanin ID Card No: 544179(M) u**
**Shanrika Darmanin ID Card No: 490811(M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-bank attur talab il-hlas tas-somma ta' tmien mija u sebgha w erbghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm847.99c) rapprezentanti in kwantu ghal seba' mija u tmienja u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm798.21c) rapprezentanti sorte kif ukoll l-ammont ta' disgha w erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm49.78c) rapprezentanti imghaxijiet legali mit-22 t'Awissu, 2001 sal-11 t'April, 2005, liema somma hija

dovuta in rifuzjoni ta’ somma bilancjali ta’ flus originarjament avvanzati fuq *loan account* bin-numru 011-102084-300. Il-bank attur qed jitlob ukoll il-hlas ta’ imghaxijiet kummercjali ulterjuri dovuti fuq is-somma mitluba mit-12 t’April, 2005 sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-Avviz, kif ukoll l-Ittra Ufficjali pprezentata fil-25 ta’ Frar, 2005.

Ra li l-konvenuti pprezentaw Nota li biha ammettew it-talba kif dedotta.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuti, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tmien mija u sebgha w erbghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm847.99c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------